**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 17 ta`Frar 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stephen Gulia)**
**(Spettur Christabelle Chetcuti)**
**Vs**
**Nayin Mohammad Duhhan**

**Kump. Nr. 646/2021**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat**, Nayin Mohammad Duhhan,** detentur tal-karta tal-Identita bin-numru **9004716A**, minghajr residenza fissa gie akkuzat talli:

1. nhar it-19 ta’ Settembru 2021 ghal ħabta ta’ bejn is-13:00 Hrs u 13:30 Hrs ta’ wara nofsinhar, minn ġewwa il-latrina pubblika sitwata gewwa Triq il-Wied, Birkirkara ikkommetta serq ta’ gojjelerija, ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa’ w ghoxrin Euro u sebgha’ w tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad-dannu ta’ John Patrick Rourke li huwa persuna anzjana ta’ sebghin sena (70) u/jew ta’ xi persuna/i ohra u/jew entitajiet oħra.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil John Patrick Rourke li huwa persuna anzjana ta’ sebghin sena (70) kontra l-volonta’ tieghu u dan bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew ħwejjeg oħra u/jew biex ikun mġiegħel jaccetta li jagħmel xi trasferiment ta hwejjġu.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkustanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta’ John Patrick Rourke li huwa persuna anzjana ta’ sebghin sena (70) liema griehi hija ta’ natura hafifa hekk kif iccertifikata minn Dr.Rachelle Attard detentrici ta’ numru tar-registru mediku 4591 tal-Isptar Mater Dei.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi garr ‘il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, liema rizultanzi jikkonfortaw sufficjentement din l-ammissjoni, l-Qorti

m’ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat;**

Illi in tema ta’ piena din il-Qorti qed tqis l-ammisjoni tal-imputat, anki jekk din ma saritx fi stadju bikri ta` dawn il-proceduri, u fuq kollox in-natura serja tal-kaz innifsu fejn l-imputat seraq bi vjolenza a dannu ta` persuna anzjana.

**KONKLUZJONI;**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti**, wara li rat l-artikoli 17, 31, 257D(1), 261(a)(c), 262(1)(a)(b)(2), 267, 274(c), 275, 276A, 277(a), 280(2)(3), 86, 87(1)(c)(e), 214, 215, 216(1)(b), 221(2) tal-Kapitolu 9, u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480, ilkoll tal-Ligijiet ta’ Malta, issib u tiddikjara lil **Nayin Mohammad Duhhan,** fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta`erba (4) snin u sitt (6) xhur prigunerija u multa ta`€116.46.

Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hati sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qorti, l-ispejjez skond il-Ligi. Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

**Ordni skond l-Artikoli 382A u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Finalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikoli 382A u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteggjament tieghu, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta' **John Patrick Rourke** u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuna msemmija, u ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qeghda bil-prezenti u f'termini generali taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront tal-hati **Nayin Mohammad Duhhan** billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess **Nayin Mohammad Duhhan** milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna msemmija, u billi tipprojbixxi lil **Nayin Mohammad Duhhan** milli jikkuntattja jew jimmolesta lill-persuna msemmija,

U dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu massimu dispost mill-Ligi li jibda jiddekorri mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Il-Qorti fissret lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikser din l-Ordni mposta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Bernardette Zammit
Deputat Registratur